# Il-prevenzjoni ta' aċċidenti u kundizzjonijiet ħżiena ta' saħħa għal ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif

Il-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif jaħdmu f'kull settur tal-industrija u postijiet tax-xogħol, minn lukandi għal sptarijiet u minn fabbriki għal irziezet. Jaħdmu ġewwa u barra, inklużi f'żoni pubbliċi. Waqt li jaħdmu spiss bil-lejl jew filgħodu kmieni, xi kultant waħidhom, il-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif jinsabu f'kull sfond u x-xogħol li jagħmlu huwa wieħed essenzjali.[1]

Il-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif jistgħu jkunu impjegati b'mod dirett, billi jaħdmu fil-bini ta' min jimpjegahom, jew jistgħu jaħdmu f'sit amministrat minn parti terza. Jistgħu jkunu impjegati minn servizzi pubbliċi, impriżi privati, jew jistgħu jkunu jaħdmu għal rashom. Il-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif jistgħu wkoll ikunu impjegati minn kuntrattur, u jaħdmu f'bosta postijiet f'ġimgħa waħda. It-tindif b'kuntratt, jew industrijali, huwa industrija li tiswa miljuni ta' Euro u timpjega miljuni ta' ħaddiema madwar l-Ewropa.

Ħafna mill-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif huma nisa u jaħdmu fuq bażi part-time. Proporzjon sinifikanti ta' ħaddiema jiġu minn minoritajiet etniċi[2]. Iċ-ċaqliq tal-istaff huwa ġeneralment wieħed għoli, ikkawżat minn livell għoli ta' xogħol temporanju u kuntratti għal terminu fiss qosra[3]. Dawn il-mudelli demografiċi u ta' impjieg jagħmluha diffiċli li jkunu żgurati s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif.

## Dwar dan l-E-Fatt

Il-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif huma definiti l-aħjar permezz ta' kompiti aktar milli bħala settur jew grupp. Kompiti komuni huma t-tindif tal-uċuh – ħasil bil-mopp, tfarfir, tindif bil-*vacuum cleaner*, l-illustrar tal-art u tal-uċuh tal-bankijiet tax-xogħol – u xogħol ta' manutenzjoni ta' rutina.Għalkemm ix-xogħol ta' tindif jinkludi kompiti bħat-tindif ta' twieqi u tat-triq, dan l-E-fatt jiffoka fuq il-ħarsien minn ħsara lil ħaddiema mħallsa li jagħmlu tindif ġenerali.

Dan l-E-fatt huwa immirat sabiex jinforma lil dawk li jħaddmu, superviżuri, ħaddiema u rappreżentanti tagħhom, b'mod partikolari dawk f'impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), dwar il-perikli involuti fit-tindif u kif tista' tkun evitata ħsara lill-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif. Għandu jkun innutat li peress li l-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif jaħdmu f'kull tip ta' post tax-xogħol, mhux possibbli li jkunu koperti l-każijiet kollha. Il-qarrejja għandhom

jiċċekkjaw il-leġiżlazzjoni rilevanti fl-Istat Membru tagħhom u, jekk ikollhom xi dubju, ifittxu għajnuna oħra minn korpi xierqa.

# Perikli u riskji għall-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif

Il-perikli u r-riskji li għalihom huma esposti l-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif ivarjaw skont il-post tax-xogħol fejn ikun qed isir it-tindif. It-tip ta' post tax-xogħol jiddetta x':

- materjali ta' skart qed jitnaddfu; pereżempju trab tal-injam minn ħwienet tal-mastrudaxxi jew demm fi sptarijiet
- uċuħ qed jitnaddfu; pereżempju, artijiet tal-konkrit f'siti industrijali jew ġebel illustrat fil-foyers tal-uffiċċji
- sustanzi qed jintużaw għat-tindif; pereżempju bliċ u solventi
- tagħmir tax-xogħol qed jintuża biex isir it-tindif.

Il-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif jistgħu jsofru minn:

- aċċidenti ta' żliq, tfixkil, u waqgħat, b'mod partikolari meta jkunu qed jagħmlu "xogħol fl-ilma"
- disturbi muskoluskeletali (MSDs) permezz ta' xogħol ripetittiv u tqandil manwali
- espożizzjoni għal sustanzi perikolużi, kemm mill-materjal ta' skart li qed jitnaddaf kif ukoll mis-sustanza li qed tintuża għat-tindif
- ħsara minħabba kwistjonijiet psikosoċjali bħal stress relatat max-xogħol, *bullying* (attakk minn grupp ta' nies) u vjolenza
- aċċidenti li jinvolvu t-tagħmir tax-xogħol bħall-qbid tas-swaba' f'makkinarju jew xokkijiet tal-elettriku
- stili ta' xogħol bħal xogħol bix-xiftijiet jew għal sigħat twal.

Hija r-responsabbiltà ta' min jimpjega lill-ħaddiem li jagħmel xogħol ta' tindif li jidentifika u jevalwa l-potenzjal għall-ħsara, u li jidentifika l-miżuri ta' prevenzjoni meħtieġa biex iħarsu mill-ħsara jew, jekk dan mhux possibbli, li jnaqqas ir-riskju li tiġri xi ħsara. Dan il-proċess jissejjaħ evalwazzjoni tar-riskju.

# L-evalwazzjoni tar-riskju għall-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif

L-għan tal-proċess tal-evalwazzjoni tar-riskju huwa li jidentifika r-riskji kollha li jistgħu jagħmlu ħsara lill-ħaddiema u li jistabbilixxi miżuri effettivi biex iħarishom. Biex iħares lill-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif minn aċċidenti u kundizzjonijiet ħżiena ta' saħħa, min jimpjega għandu jfassal u jadatta strateġiji ta' ħarsien u ta' intervent madwar il-post tax-xogħol.

Dawk li jimpjegaw għandhom obbligu legali li jħarsu s-saħħa u s-sigurtà tal-forza tax-xogħol tagħhom. Min jimpjega għandu jevalwa r-riskji għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u wara jtejjeb l-istandards tas-saħħa u tas-sigurtà għall-ħaddiema kollha (u kull ħaddiem ieħor) li tista' tiġrilhom ħsara. Jekk l-impjegati ta' żewġ entitajiet li jimpjegaw jaħdmu flimkien, dawk li jimpjegaw għandhom jikkoordinaw ix-xogħol.

Evalwazzjoni tajba tar-riskji għandha għalhekk tifforma l-bażi li fuqha jintgħażel it-tagħmir tax-xogħol u d-deterġenti għat-tindif, il-miżuri ta' protezzjoni personali, it-taħriġ tal-forza tax-xogħol u l-organizzazzjoni tax-xogħol, flimkien mas-sid jew l-operatur tas-sit li ser jitnaddaf. Għandha tkopri l-operazzjonijiet standard kollha u għandha tirrifletti kif ix-xogħol isir fir-realtà f'kull ċirkostanza. Biex ikun żgurat li kull aspett tax-xogħol jiġi kkunsidrat, il-ħaddiema għandhom ikunu involuti fil-proċess tal-evalwazzjoni tar-riskju.

Ftakar:

- periklu jista' jkun kwalunkwe ħaġa – materjal ta' xogħol, tagħmir, metodi u prattiċi ta' xogħol – li għandha potenzjal li tagħmel ħsara
- riskju huwa ċ-ċans – kbir jew żgħir – li xi ħadd tista' ssirlu ħsara minħabba l-periklu.

Il-prinċipji ta' gwida li għandhom jiġu kkunsidrati matul il-proċess tal-evalwazzjoni tar-riskju jistgħu jinqasmu f'serje ta' passi.

**L-1 Pass: l-identifikazzjoni tal-perikli u ta' dawk li huma f'riskju**

It-tiftix għal dawk l-affarijiet fuq ix-xogħol li għandhom il-potenzjal li jikkawżaw ħsara u l-identifikazzjoni ta' ħaddiema li jistgħu jkunu esposti għal dawn il-perikli. Minħabba l-varjetà ta' attivitajiet ta' tindif, perikli fundamentali biss jistgħu jissemmew hawnhekk. Madankollu, huwa essenzjali għall-proċess tal-evalwazzjoni li jidentifika f'kull post tax-xogħol il-perikli li jistgħu jkunu ta' ħsara b'mod speċjali għall-ħaddiema.

Perikli fundamentali jinkludu:

- żliq, tfixkil u waqgħat minħabba uċuh imxarrba jew kondutturi tal-elettriku mifruxin mal-art
- sustanzi perikolużi: deterġenti għat-tindif imma wkoll dawk li joriġinaw mill-post; pereżempju, trabijiet
- perikli bijoloġiċi minn materjali infettivi u t-tindif bil-*vacuum cleaner*; pereżempju, allerġeni minn parassiti mikroskopiċi
- tagħmir tax-xogħol: jew it-tagħmir li qed jitnaddaf jew it-tagħmir użat għat-tindif
- MSDs minn xogħol ripetittiv u tqandil manwali, aggravati mill-età kbira medja tal-forza tax-xogħol
- kundizzjonijiet imxarrba ta' xogħol

- li ħaddiem jaħdem waħdu f'postijiet tax-xogħol iżolati: iċċekkja dwar kwistjonijiet ta' salvataġġ
- kwistjonijiet psikosoċjali bħal vjolenza, fastidju sesswali jew *bullying*
- stili ta' xogħol: intensifikazzjoni tax-xogħol u organizzazzjoni tax-xogħol.

Fejn min jimpjega qed jibgħat lill-ħaddiema tiegħu li jagħmlu xogħol ta' tindif f'postijiet ta' xogħol oħra, hemm il-ħtieġa ta' kooperazzjoni bejn dawk li jimpjegaw biex jiżguraw li l-ħaddiema kollha jkunu mħarsa waqt l-attivitajiet ta' tindif – mhux biss il-ħaddiem li qed jagħmel xogħol ta' tindif f'post tax-xogħol ta' ieħor li jimpjega, iżda biex ikun evitat li ħaddiema jweġġgħu minħabba l-azzjonijiet tal-ħaddiema li qed jagħmlu xogħol ta' tindif.

**It-2 Pass: l-evalwazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tar-riskji**
Il-kalkolu tar-riskji eżistenti – is-serjetà u l-probabbiltà tagħhom, pereżempju – u l-prijoritizzazzjoni tagħhom. Huwa essenzjali li jkun prijoritizzat kwalunkwe xogħol li għandu jsir biex jiġu eliminati jew evitati riskji.

L-evalwazzjoni tar-riskji hija l-pass li jmiss fil-proċess. Wara li tkun saret evalwazzjoni tar-riskju, għandhom jiġu implimentati miżuri ta' kontroll skont il-ġerarkija speċifika.

**It-3 Pass: deċiżjoni dwar azzjoni preventiva**
L-identifikazzjoni ta' miżuri xierqa biex jiġu eliminati jew ikkontrollati r-riskji. Miżuri preventivi għandhom jiġu kkunsidrati skont ir-rekwiżiti legali rilevanti. Fejn ikun possibbli r-riskju għandu jiġi eliminat, pereżempju permezz ta':

- is-sostituzzjoni tal-metodi ta' tindif bl-ilma b'metodi xotti ta' tindif biex jitneħħew ir-riskji ta' żliq
- l-użu ta' tagħmir li jaħdem bil-batteriji biex jitneħħa r-riskju ta' tfixkil f'kondutturi tal-elettriku mifruxa mal-art.

Jekk dan mhux possibbli, periklu għandu jkun sostitwit minn xi ħaġa inqas perikoluża. Dan jista' jsir – pereżempju – permezz:

- tat-tibdil ta' deterġenti qawwija tat-tindif ma' deterġenti inqas aggressivi
- tat-tibdil ta' broxkijiet tal-idejn ma' broxkijiet li jaħdmu bil-mutur biex jitnaqqas ir-riskju ta' MSDs.

Għandhom jiġu implimentati miżuri kollettivi, bl-użu tal-protezzjoni personali individwali bħala l-aħħar soluzzjoni, meta r-riskju ma jistax ikun evitat jew ikkontrollat b'mezzi oħrajn.

**Ir-4 Pass: it-teħid ta' azzjoni**
L-istabbiliment ta' miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni permezz ta' pjan ta' prijoritizzazzjoni (x'aktarx mhux il-problemi kollha jistgħu jiġu solvuti mal-

ewwel) u l-ispeċifikazzjoni ta' min jagħmel xiex u meta, sa meta għandha titlesta biċċa xogħol u l-mezzi allokati biex jiġu implimentati dawn il-miżuri.

Strateġiji ta' ħarsien u intervent għandhom jibdew fil-livell tal-kumpanija biex iħarsu lill-ħaddiema kollha. Eżempji ta' strateġiji ta' intervent fil-livell tal-kumpanija jinkludu:

- il-provvediment ta' tagħrif u taħriġ dwar kif wieħed jerfa' u jimmaniġġja prodotti u tagħmir;
- l-iżgurar li s-sustanzi kollha wżati mill-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif huma tikkettati kif suppost, li l-istaff li jagħmel xogħol ta' tindif irċieva taħriġ u tagħrif dwar l-użu sigur ta' sustanzi, u li tagħmir u lbies protettiv personali (PPE) ikunu pprovduti fejn meħtieġ;
- il-ksib tal-folji tad-dejta dwar is-sigurtà tal-manifattur għal kull prodott u l-iżgurar li l-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif jifhmu r-riskji u l-miżuri ta' kontroll għal prodotti differenti ta' tindif;
- il-provvediment ta' ttestjar u ċċekkjar regolari ta' tagħmir elettriku sabiex ikunu evitati riskji elettriċi assoċjati, pereżempju, permezz ta' wajer tal-elettriku li jitkaxkar mal-art li tkun imxarrba;
- l-infurmar u t-taħriġ tal-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif dwar ir-riskji ta' nirien, il-prekawzjonijiet u l-evakwazzjoni f'każ ta' nirien, kif ukoll l-ittestjar tal-allarmi ta' kontra n-nirien meta l-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif ikunu qed jaħdmu sabiex ikunu kapaċi jagħrfu l-ħoss tal-allarm waqt emerġenza; dan għandu jsir f'kull post li jitnaddaf;
- il-provvediment ta' żraben li ma jiżolqux jew ir-rakkomandazzjoni/l-inkoraġġiment ta' stil ta' xedd tas-saqajn li ma jiżloqx, preferibbilment iżolatur elettriku bħall-lastku;
- il-provvediment ta' struzzjonijiet bil-miktub dwar prattiċi ta' ħidma preferuti u vvalidati;
- l-iżvilupp ta' proċeduri ta' manutenzjoni għat-tagħmir tax-xogħol tal-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif; pereżempju, l-iċċekkjar u l-manutenzjoni ta' trolis u ta' tagħmir mekkaniku għall-irfigħ;
- l-użu ta' prodotti tat-tindif tal-art li ma joħolqux periklu ta' żliq waqt it-tindif;
- l-iżgurar li l-klijenti jipprovdu dawl u ventilazzjoni adegwati waqt operazzjonijiet ta' tindif meta dawn isiru wara l-ħinijiet tal-uffiċċju;
- l-iżgurar li kumpatturi tal-iskart jintużaw biss minn ħaddiema mħarrġa;
- li jkun evitat l-użu ta' prodotti għat-tindif tal-ħġieġ, prodotti li jneħħu t-tbajja' minn fuq it-twapet u prodotti għal tindif ġenerali li fihom il-butoxyethanol, prodotti għat-tindif tat-tojlits li fihom l-aċidu idrokloriku jew fosforiku, idrossidu tas-sodju (sgrassatur qawwi) u ta' prodotti li fihom kompost ta' ethanolamine bħal prodotti li jqaxxru l-finitura tal-art u sgrassaturi.

Il-ħaddiema għandhom ikunu mgħarrfa dwar ir-riskji u dwar dak li ser isir biex iħarishom. Barra minn hekk, meta jiġi indirizzat riskju, huwa importanti li jiġi iċċekkjat li ma jinħolqux riskji ġodda.

**Il-5 Pass: monitoraġġ u analiżi**
L-evalwazzjoni għandha tkun analizzata f'intervalli regolari biex ikun żgurat li din tibqa' aġġornata. Għandha tkun riveduta kull meta jseħħu bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni jew bħala riżultat ta' sejbiet ta' aċċident jew ta' investigazzjoni ta' "kważi aċċident".

Ladarba l-miżuri ta' prevenzjoni jkunu stabbiliti, dawn għandhom jiġu ċċekkjati biex ikun żgurat li qed jaħdmu kif xieraq. Is-superviżuri huma fl-aħjar pożizzjoni biex jiżguraw li l-miżuri ta' kontroll huma effettivi abbażi ta' ġurnata b'ġurnata.

Ċerti ħaddiema jkunu intitolati għal monitoraġġ tas-saħħa, skont l-istatus tagħhom, l-Istat Membru jew il-perikli li għalihom huma esposti.

# Rekwiżiti leġiżlattivi u azzjonijiet strateġici

Id-direttivi Ewropej jistabbilixxu standards minimi biex iħarsu lill-ħaddiema. Dawn ġew trasferiti fil-liġi tal-Istati Membri. L-aktar importanti fost dawn hija d-Direttiva Qafas (89/391/KEE) li tistabbilixxi l-proċess ta' evalwazzjoni tar-riskju u ġerarkija ta' miżuri ta' prevenzjoni li min jimpjega huwa mitlub li jsegwi. Xi wħud mid-direttivi l-aktar importanti jinsabu mniżżla fl-aħħar ta' dan id-dokument. Iċċekkja mal-awtoritajiet nazzjonali tiegħek biex tara x'leġiżlazzjoni hemm fis-seħħ; id-direttivi jistabbilixxu standards minimi – l-Istat Membru tiegħek jista' jkollu rekwiżiti aktar stretti.

Ħafna standards bħall-istandards ISO u CEN jistgħu japplikaw ukoll għall-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif. Dawn jagħtu tagħrif tekniku dettaljat dwar l-organizzazzjoni ta' postijiet tax-xogħol u ta' tagħmir; pereżempju, standards dwar l-espożizzjoni għall-vibrazzjoni.

# Soluzzjonijiet għall-Post tax-Xogħol

## Tindif matul il-ġurnata

Ix-xogħol ta' tindif bosta drabi huwa part-time u jsir fis-sigħat bikrin ta' filgħodu, ta' filgħaxija, jew ta' bil-lejl, iżda sigħat barra l-ħinijiet normali u patterns irregolari ta' xiftijiet jistgħu jwasslu għal riskju akbar ta' ħsara lill-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif (pereżempju, li jkollok lil xi ħadd jaħdem waħdu bil-lejl). Kif intwera f'xi Stati Membri, it-tindif m'għandux għalfejn isir f'sigħat barra l-ħinijiet normali, u fejn dan kien implimentat, it-tindif matul il-ġurnata kien irrapportat li kien ta' benefiċċju mhux biss għall-

ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif, iżda wkoll għall-impriżi klijenti permezz, pereżempju, ta' reazzjonijiet aktar mgħaġġla għal tixrid ta' likwidi. [v]

### Xogħol Innovattiv

It-tindif huwa meqjus bħala xogħol ta' pożizzjoni soċjali baxxa. Bosta fatturi jistgħu jikkontribwixxu għal din il-perċezzjoni mifruxa. Wieħed minn dawn huwa li spiss jintużaw il-metodi u l-għodda l-aktar tradizzjonali. It-titjib tad-diżinn ergonomiku għandu t-tendenza li jmur id f'id mal-introduzzjoni ta' metodi ta' xogħol, tagħmir u makkinarji ġodda, sofistikati u aktar sistematiċi. Għalhekk, ix-xogħol jista' jsir aktar attraenti għal aktar ħaddiema. It-titjib tal-immaġini tat-tindif bħala professjoni u s-sodisfazzjon tax-xogħol jistgħu jwasslu, permezz ta' xogħol ta' kwalità itjeb u ta' saħħa aħjar, għal produttività akbar.

## Riżorsi ta' tagħrif

Bosta tagħrif utli dwar il-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif, ix-xogħol u s-saħħa tagħhom jinsab fuq l-internet. Għażla minn dan qed tingħata hawn taħt:

### Tagħrif Online


- Bena, A., Mamo, A., Marinacci, C., Pasqualini, O., Tomaino, A., Costa, G., 'Infortuni ripetuti, rischio per professioni in Italia negli anni novanta' (Risk of repeated injuries by economic activity in Italy in the 1990's), *Med Lav, 96, Suppl pp. 116-126*, 2005, Italian, http://www.dors.it/alleg/0201/09-bena.pdf
- European Agency for Safety and Health at Work, *Accident prevention in practice* ISBN 92-95007-34-4, 2001, http://osha.europa.eu/publications/reports/103/
- European Federation of Cleaning Industries, *Health & Safety in the office cleaning sector.* http://www.feni.be/index.php?id=19&L=0
- Gamperiene, M., Nygård, J., Sandanger, I., Wærsted, M., Bruusgaard, D., 'The impact of psychosocial and organizational working conditions on the mental health of female cleaning personnel in Norway', *J Occup Med Toxicol.,* 1(1), Nov 2006, http://www.occup-med.com/content/1/1/24
- GMB: Britain's General Union, *Health and Safety for cleaners: A GMB guide.* http://www.gmb.org.uk/Templates/PublicationItems.asp?NodeID=91047
- Health & Safety Executive, *Caring for cleaners. Guidance and case studies on how to prevent musculoskeletal disorders*, HSG234, ISBN 0-7176-2682-2 http://www.hse.gov.uk/press/2003/e03078.htm
- Health & Safety Executive, *Safe use of cleaning chemicals in the hospitality industry.* http://www.hse.gov.uk/pubns/cais22.pdf

- Hoods, V., Buckle, P., Haisman, M., *Musculoskeletal health of cleaners*, Robens Centre for Health Ergonomics, University of Surrey, 1999, http://www.hse.gov.uk/research/crr_pdf/1999/CRR99215.pdf
- Huth, Elke, *Arbeitsfelder: Arbeits- und Gesundheitsschutz in der Reinigung, Reinigungs- und Hygiene – Technik, Facility Management,* http://www.bewegungs-abc.de/haupt.htm
- Instituto Sindical de Trabajo, Ambiente y Salud, *Fichas internacionales de datos de seguridad*. http://www.istas.net/webistas/abreenlace.asp?idenlace=1570
- Scherzer, T., Rugulies, R., Krause, N., 'Work-related pain and injury and barriers to workers' compensation among Las Vegas hotel room cleaners', *Am J Public Health*, 95(3), Mar 2005, pp. 483-488, http://www.pubmedcentral.nih.gov/articlerender.fcgi?artid=1449206
- Union Network International, *Health and Safety in the office cleaning sector – European manual for employees*, 2000. http://www.union-network.org/UNIsite/Sectors/Property_Services/Cleaning/CleaningManual.htm


## Pubblikazzjonijiet stampati


- Flyvholm, M., Mygind, K., Sell, L., Jensen, A., Jepsen, K., 'A randomised controlled intervention study on prevention of work related skin problems among gut cleaners in swine slaughterhouses', *Occup Environ Med.*, 62(9), Sep 2005, pp. 642-649.
- Gamperiene, M., Nygård, J., Brage, S., Bjerkedal, T., Bruusgaard, D., 'Duration of employment is not a predictor of disability of cleaners: a longitudinal study', *Scand J Public Health,* 31(1), 2003, pp. 63-68.
- Kumar, R., Chaikumarn, M., Lundberg, J., 'Participatory ergonomics and an evaluation of a low-cost improvement effect on cleaners' working posture', *Int J Occup Saf Ergon.*, 11(2), 2005, pp. 203-210.
- Laursen, B., Søgaard, K., Sjøgaard, G., 'Biomechanical model predicting electromyographic activity in three shoulder muscles from 3D kinematics and external forces during cleaning work', *Clin Biomech (Bristol, Avon)*, Volume 18, Issue 4, May 2003 May, pp. 287-295.
- Massin, N., Hecht, G., Ambroise, D., Héry, M., Toamain, J., Hubert, G., Dorotte, M., Bianchi, B., 'Respiratory symptoms and bronchial responsiveness among cleaning and disinfecting workers in the food industry', *Occup Environ Med.,* 64(2), Feb 2007, pp. 75-81.
- Mondelli, M., et al., 'Carpal tunnel syndrome and ulnar neuropathy at the elbow in floor cleaners', *Neurophysiol Clin.*, 36(4), Jul-Aug 2006, pp. 245-53.
- Zock, J., et al., 'Asthma risk, cleaning activities and use of specific cleaning products among Spanish indoor cleaners', *Scand J Work Environ Health*., 27(1), Feb 2001, pp. 76-81.

## Standards

- EN 14253:2003 Vibrazzjoni mekkanika – il-kejl u l-kalkolu tal-espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol għall-vibrazzjoni tal-ġisem kollu fir-rigward tas-saħħa – gwida prattika.
- ISO 2631:2001 Vibrazzjonijiet u xokkijiet mekkaniċi – analiżi tal-espożizzjoni tal-bniedem għall-vibrazzjoni tal-ġisem kollu.
- ISO 5349:1986 Vibrazzjoni mekkanika – linji gwida għall-kejl u l-analiżi tal-espożizzjoni tal-bniedem għall-vibrazzjoni trażmessa fl-id.
- ISO 5805:1997 Vibrazzjonijiet u xokkijiet mekkaniċi – l-espożizzjoni tal-bniedem – vokabularju.
- ISO 8662:1988 Għodda li taħdem bl-elettriku li tista' tinżamm fl-idejn – il-kejl tal-vibrazzjonijiet fil-manku.
- EN ISO 20643 Vibrazzjoni trażmessa fl-id minn makkinarju miżmum fl-id jew iggwidat bl-id – il-kejl tal-vibrazzjoni fil-wiċċ fejn jinħakem il-makkinarju (ISO/DIS 20643:2002).

## Direttivi Rilevanti

- 2000/54/KE tat-18 ta' Settembru 2000 Aġenti Bijoloġiċi – l-għan ta' din id-Direttiva huwa li tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi biex jipprovdu livell aqwa ta' sigurtà u ta' protezzjoni tas-saħħa lill-ħaddiema esposti għal aġenti bijoloġiċi fuq ix-xogħol.
- 2002/44/KE tal-25/06/2002 Aġenti Fiżiċi (Vibrazzjonijiet) – l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji kkważati mill-vibrazzjoni.
- 89/391/KEE tat-12/06/1989 Direttiva Qafas – din id-Direttiva ġenerali dwar l-introduzzjoni ta' miżuri li jinkoraġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol tobbliga lil min iħaddem biex jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema f'kull aspett tax-xogħol tagħhom.
- 89/654/KEE tat-30/11/1989 Direttiva dwar il-Post tax-Xogħol - tikkonċerna r-rekwiżiti minimi tas-saħħa u s-sigurtà kemm għal postijiet tax-xogħol li jintużaw kif ukoll għal postijiet tax-xogħol li qed jintużaw għall-ewwel darba. Dawn ir-rekwiżiti huma deskritti fit-tul fl-annessi tad-Direttiva.
- 89/655/KEE tat-30/11/1989 Direttiva dwar it-Tagħmir tax-Xogħol – li tistabbilixxi rekwiżiti għall-użu tat-tagħmir tax-xogħol bħal għodda u makkinarji,
- 89/656/KEE tat-30/11/1989 Direttiva PPE – it-tagħmir protettiv personali kollu għandu jikkunsidra r-rekwiżiti ergonomiċi u l-istat tas-saħħa tal-ħaddiem, u għandu joqgħod sew lil min jilbsu wara kwalunkwe aġġustament meħtieġ.
- 90/269/KEE tad-29/5/1990 Tqandil manwali tat-Tagħbija – il-ħtieġa ta' tqandil manwali ta' tagħbijiet għandha tkun evitata, inkella t-tqandil għandu jkun organizzat u l-ħaddiema mħarrġa sew.

- 91/383/KEE tad-29/07/1991 Ħaddiem Temporanju – l-għan huwa li jkunu implimentati dispożizzjonijiet addizzjonali biex ikun żgurat li ħaddiema temporanji jgawdu l-istess livell ta' ħarsien daqs ħaddiema oħra.
- 93/104/KE tat-23/11/1993 Ħin tax-Xogħol – l-għanijiet huma li jkunu adottati rekwiżiti minimi li jkopru ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol b'konnessjoni mas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Għall-iskopijiet tal-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif, dawn għandhom ikunu mħarsa minn effetti avversi fuq saħħithom u s-sigurtà tagħhom ikkawżati l-aktar minn stili ta' xogħol imħawdin jew xogħol bil-lejl.
- 94/33/KE tat-22/06/1994 Ħaddiema Żgħar fl-età – id-Direttiva titfa' responsabbiltajiet fuq min iħaddem biex jiżgura li r-riskji għal ħaddiema żgħar fl-età huma minimizzati billi jagħmel evalwazzjoni tar-riskju qabel dawn jibdew xogħolhom. Għandu jkun determinat jekk iż-żagħżugħ hux permess jew le li jagħmel ċertu xogħol ta' tindif.
- 98/37/KE tat-22/06/1998 Forniment ta' Makkinarju – rekwiżiti dwar il-provvista ta' makkinarju għall-użu fix-xogħol.

# Referenzi

[1] European Federation of Cleaning Industries, *The Cleaning Industry in Europe*, An EFCI Survey Edition 2006 (Data 2003) http://www.feni.be

[2] European Federation of Cleaning Industries, *The Cleaning Industry in Europe,* An EFCI Survey Edition 2006 (Data 2003) http://www.feni.be

[3] Mormont, M., *Institutional representativeness of trade unions and employers' organisations in the industrial cleaning sector*, Université Catholique de Louvain, Institut des Sciences du Travail, Project number VC/2003/0451, 146 pp. http://www.trav.ucl.ac.be/recherche/pdf%202002/2001%2012%20LPS_final.pdf

[v] Schlese, M., Schramm, F., *Beschäftigungsbedingungen in der Gebäudereinigung*, Berichte der Werkstatt für Organisations und Personalforschung e.V., Berlin 2004, ISSN 1615-8261.